**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 67/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dylan Agius**

Illum, 28 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Dylan Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 401187(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Novembru 2021, għall-ħabta ta' 19:00hrs ġewwa l-Istadium Toni Bezzina, Kordin l/o Paola, waqt li kienet qed tintlagħab il-partita tal-futbol tal-Floriana FC u Gudja FC:

1. Filwaqt li kien dieħel fil-ground, filwaqt li kien hemmhekk jew kien ħiereġ, uża kliem offensiv jew ġab ruħu abbużivament u dan bi kur ta' L.S. 10.33 Reg.7.
2. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' PC 2409, inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijietu, billi ma ħalliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt dispozizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9.
3. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' PC 2409, inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew

li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap.9.

*In oltre*, il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi tordna illi l-imputat jiġi skwalifikat milli jattendi "*grounds ta' sports*" għal dak il-perijodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ee) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u regolament seba' (7) u disa' (9) tal-Liġi Sussidjarja 10.33, sabet lil Dylan Agius mhux ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena dwarha, filwaqt li sabitu ħati ta' l-ewwel u tat-tieni mputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundanatu multa ta' mitejn Ewro (€200) u skwalifika ta' sitt (6) xhur milli jattendi f'xi *ground* ta' l-isports.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex jogħġobha:

a. Tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar 2022, jew
b. Filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ġie lliberat mit-tielet mputazzjoni, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar 2022 in kwantu fejn instab ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, jew sussidjarjament u mingħajr preġudizzju
c. Tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar 2022 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Dylan Agius.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u dana għaliex, fil-fehma tiegħu din ma tirrispettax il-vot tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jippreċiza li n-nullita' temani in kwantu li l-parti dispositiva tas-sentenza ma tirriflettix l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom instabet il-ħtija.

Illi, l-Artikoli 382 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi –

> **Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.**

Issa minn eżami tas-sentenza appellata eżebita a fols 35 sa 37 tal-atti proċesswali huwa bil-wisq evidenti illi dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u dan għaliex is-sentenza hija konformi mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-artikolu 382 fejn l-Ewwel Qorti semmiet il-fatti li fuqhom sejset il-ħtija u għaddiet biex tiċċita id-disposizzjonijiet tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati. Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqlux akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant fit-tieni aggravju imbagħad jilmenta li l-Liġi Sussidjarja 10.33 ma tapplikax għal każ in kwistjoni. Dana għaliex l-*Istadium Toni Bezzina*, fejn allegatament kienu kommessi r-reati addebitati lill-appellant, liema grownd hu indikat fiċ-ċitazzjoni, mhuwiex wieħed minn dawk iċ-ċentri sportivi inklużi fil-lista ta' postijiet imsemmija fl-istess Liġi Sussidjarja li huma meqjusa bħala "*ground ta' l-isports* misjuba fir-Regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.33 u msemmi f'Regolament 7 rifless fl-ewwel imputazzjoni.

Illi, dina l-Qorti ġia kellha l-opportunita' li tezamina dan l-ilment u tafferma għal darb'oħra dan l-ilment huwa għal kollox infondat.

Illi, f'dan ir-rigward, huma rilevanti d-dispożizzjonijet tal-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament tas-subinċiż tnejn (2) ta' l-istess li jistipola liema huma dawk ir-rekwiżiti li l-Liġi trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti għall-bidu tal-proċediment penali kontra tiegħu –

> **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem listess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara dwar dak li qed jkun mixli b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smiegħ u jkun f'posizzjoni jiddefendi ruħu mill-akkużi lilu addebibati. Issa l-appellant mhuwiex daqstant jilmenta minn xi nullita' fiċ-ċitazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu billi hemm aderenza mar-rekwiżiti imfassla fl-Artikolu 360 hawn fuq iċċitat. Dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa illi l-post indikat fiċ-ċitazzjoni ma huwiex wieħed minn dawk elenkati fir-*Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports* u allura ma tistax tirriżulta ir-reita' taħt l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja.

Illi, f'dan il-każ, ma jistax jingħad illi ċ-ċitazzjoni fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jenħtieġ li jingħataw, li tikkontrasta ma' dak li jemerġi mill-provi li nstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Fuq kollox kif minn dejjem ritenut, il-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire*, liema avviż, madanakollu għandu kif ingħad jirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Illi, mistqarra dawn il-prinċipji, jiġi rilevat illi r-regolament 2 tal-Liġi Sussidjarja 10.33 jiddisponi testwalment illi fost oħrajn:

> **"ground ta' l-isports" tfisser –**
>
> **...... (f) il-Hibernians Football Ground - Kordin, Paola**

Illi, il-lok indikat fiċ-ċitazzjoni fejn allegatament seħħ ir-reat huwa *"l-Istadium Toni Bezzina, Kordin"*. Fis-sit uffiċjali tal-klabb tal-Hiberians FC, u li l-Qorti ħadet avviż tiegħu, hemm indikat is-segwenti:

> ***Tony Bezzina Stadium is a multi-use stadium in Paola, Malta. The Hibernians football ground was inaugurated on 9 November 1986. Hibernians became the first Maltese club to have their own football pitch[1].***

Illi, ukoll, dwar dan il-punt xehed fil-proċeduri odjerni Stephen Azzopardi, in rapprezentanza tal-Football Association, fejn stqarr illi:–

> **Ntlabt ngħid x'logħob intlabu fl-20 ta' Novembru. Kien hemm zewġ partiti fis-sagħtejn kien hemm Mosta vs Gzira u fis-sitta ta' filgħaxija kien il-partita Floriana vs Gudja fit-<u>Toni Bezzina Stadium/Hiberian Stadium Raħal Ġdid[2]</u>.**

Illi, dan ifisser, u *del resto* il-Qorti tazzarda tgħid illi huwa fatt inkontestat, li dawn iż-żewġ ismijiet jirreferu effettivament għall-istess *stadium*, li huwa l-i*stadium* li fih seħħ l-inċident *de quo*. Tant huwa fatt inkontestat li filfatt hemm ukoll filmat in atti li jpoġġi bla dubbju lill-appellant fl-*istadium* in kwistjoni dakinhar tal-inċident *de quo*, u għalhekk huwa ċar li l-istess appellant kien jaf ben tajjeb biex qed jiġi akkuzat u fejn seħħew l-allegati reati addebitati lilu.

Għaldaqstant, dan l-ilment ukoll qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu, l-appellant jilmenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi u allura illi l-apprezzament magħmul mill-Ewwel

[1] https://www.hiberniansfc.mt/stadium
[2] Enfazi ta' l-Qorti.

Qorti kien wieħed żbaljat. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[3].

Illi mill-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-appellant flimkien ma' persuna oħra kienu qed jinstemgħu mill-pulizija ighidu xi kliem offensiv fil-konfront tat-timijiet li kienu qed jilgħabu u l-partitarji tat-tim avversarju. Meta imwaqqfa u mitkellma mill-PC2409 Alesya Vorobeva, l-appellant flimkien ma' nies oħra qajjem komossjoni tant illi l-imsemmija kuntistabbli kellha issejjaħ għall-għajnuna ta' pulizija oħra li kienu preżenti sabiex l-imġieba ta' dawn il-partitarji, fosthom tal-appellant illi jidher li baqa' iġib ruħu b'mod abbusiv fil-konfront tal-imsemmija kuntistabbli, setgħat tiġi mrażżna. Illi l-PC2409 Alesya Vorobeva tat il-verzjoni tagħha permezz tal-proċedura ta'l- *affidavit* liema proċedura hija imfassla fl-artikolu Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, fejn hemm hekk dispost:–

> **(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

*(2)* **Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Fix-xiehda tagħha l-Kuntistabbli Vorobeva tistqarr *verbatim* illi:-

**Nhar il-20 ta' Novembru 2021 għall-ħabta ta' 6.45 ta' filgħaxija ġewwa Toni Bezzina Stadium, Kordin l/t Raħal Ġdid waqt il-partita Floriana FC vs Gudja FC, jiena PC 2409 innotajt xi partitarji tal-Floriana FC li bdew juzaw kliem offensiv u abbusiv, fil-konfront ta' timijiet u supporters oħra. Jiena PC 2409 li dak il-ħin li kont qegħdha ninsab xogħol ġbidt l-attenzjoni tal-partitarji u weġibthom li ma jistax jintuza dan it-tip ta' diskors.**

**Dak il-ħin inqalet kommossjoni u jiena PC 2409 ġejt assistita mill-pulizija li kienu jinsabu xogħol fil-ground fosthom Insp. Sarah Zerafa u Ps 2269. Hekk kif Ps2269 u Insp. Zerafa waslu ħdejna, ġew innotati l-partitarji Ryan Debattista u Dylan Agius, fejn dawn bdew jargumentaw miegħi PC 2409 u jsostnu li ma stajtx inwaqqafhom. Insp. S. Zerafa bdiet tipprova tispjega lill-partitarji li fil-ground ma setax jintuza kliem abbusiv, izda għal xi raġuni Debattista u Agius baqu jinsistu miegħi PC 2409 li ma stajtx inwaqqafhom fejn saħansitra Agius beda jiġi qrib ħafna tiegħi PC2409, u anka ġie ma wiċċi, u jikkostinja miegħi.**

Illi minn eżami ta'l-Atti Proċesswali ma jirrizultax li l-appellant qatt talab sabiex PC2409 tittella' tixhed in kontro-eżami sabiex tiġi mistoqsija dwar il-kontenut tal-*affidavit* magħmul minnha. Jikkonsegwi li ġaladarba dan ma sarx, ai termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċċitat, l-*affidavit* ppreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa kkunsidrat ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku hija xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. In oltre, ma temerġi l-ebda raġuni li tista' twassal lill-Qorti tiddubita mill-kontenut ta' dan l-istess *affidavit*, liema xiehda fuq kollox issib korroborazzjoni

fil-filmat ezebit in atti, Dokument SZ3, u wkoll mix-xhieda ta' PS2269 Miriam Lia. Din ix-xhud tgħid hekk fl-affidavit tagħha:

> **F'ħin minnhom jien smajt lil partitarji tal-Floriana FC li kienu ħdejn il-gabbana tal-ground juzaw kliem offensiv u abussiv, jien ersaqt eqreb taghhom u nnutajt li kien hemm kommossjoni u PC2409 talbet ghall-assistenza. PC2409 infurmatni li kienet waqqfet lil dawn is-supporters milli juzaw dan it-tip ta' diskors izda dawn ma accettawx it-twissija.**
>
> **Hekk kif jien PS2269 u Insp. Zerafa wasalna hdejn PC2409 innotajna lill-partitarji Ryan Debattista u Dylan Agius jargumentaw ma' PC2409 u jsostnu li ma setatx twaqqafhom. Insp. S. Zerafa bdiet tipprova tispjega lil partitarji li fil-gorund ma setax jintuża kliem abussiv, iżda ghal xi raguni Debattista u Agius baqu jinsistu li l-pulizija PC2409 ma setatx twaqqafhom fejn sahansitra Agius bed jmur qrib hafna ta' PC2409, ma wiccha, u jikkonstinja maghha. Agius kellu jitressaq mill-pulizija minn ma' wicc PC2409."**

Dan ifisser, kuntrarjament għal dak li ssostni d-difiża, illi l-reat kontravvenzjonali maħsub fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta kkunsmat u ma wasalx biss sal-grad ta' tentattiv, li fil-kaz tal-kontravvenzjonijiet ma ġġorr ebda piena, għaliex l-kuntistabbli Vorobeva ġiet imfixkla fil-qadi ta' dmirijietha tant illi sabiex trażżan l-imġieba tal-appellant u sħabu hija kellha issejjaħ lil pulizija oħra biex jassisstuha.

Għaldaqstant, dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel zewġ aggravji mressqa mill-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' multa ta' mitejn Ewro u skwalifika milli l-appellant jattendi *grounds tal-isports* għall-perijodu ta' sitt xhur, fejn l-appellant jilmenta li dawn huma ferm eċċessivi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li

l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[4]

Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi d-deċizjoni ta' l-Ewwel Qorti li timponi fuq l-appellant multa ta' €200 kienet waħda ben motivata, kif ukoll kienet waħda li tqarreb pjuttost lejn il-minimu. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li din il-piena kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux eċċessiva, tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi u għalhekk ma tezisti l-ebda raġuni 'il għaliex l-istess għandha tiġi varjata.

Illi fir-rigward l-iskwalifika għal perijodu ta' sitt xhur imposta fuq l-appellant milli jattendi grownd tal-i*sports*, il-Qorti hija tal-fehma li din kienet waħda li tirrispekja ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern fejn membru tal-Korp tal-Pulizija ġiet imfixxkla fil-qadi ta' dmirijietha f'lok fejn is-sigurta' tat-timijiet tal-futbol u tal-ispettaturi u l-partitarji tassumi importanza billi l-iċken kommossjoni tista' issarraf f'periklu għan-nies kollha preżenti fil-grownd. Dan abbinat ukoll ma' dak li jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant fejn hemm kundanna simili għal dawk mertu ta' din l-istanza. Fuq kollox il-fatt li l-appellant huwa *coach* tal-futbol tat-tfal żgħar ma jista' jikkwalifikah għall-ebda attenwanti fil-piena, kif donnu qed tippretendi id-difiża, anzi iktar u iktar messu kien ta' eżempju bl-imġieba tiegħu.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu għall-iskwalifika kif deċiż jibda jiddekorri mil-lum.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**

---

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.